**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**
**vs**
**Sylvester Grech**

**Kumpilazzjoni numru: 16/2020**

**Illum 20 ta' Ottubru, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Sylvester Grech**, iben Ronnie u Antonia nee Micallef, imwieled Pieta, Malta nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tal-elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) u residenti numru sitta u disghin (96), Escargot, Triq San Luqa, Zurrieq, Malta detentur tal-karta tal-identita bin-numru 38087M talli gewwa l-fond 96, Escargot, Triq San Luqa, iz-Zurrieq nhar is-sitta (6) ta' Jannar 2019 ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anthea Tabone hekk kif

certifikat minn Dr Ramon Scerri (Med Reg 1986), liema persuna hija l-ex mahbuba u l-koabitanta ta' Sylvester Grech;

L-imputat gie akkuzat ukoll talli fl-istess lok u f'postijiet ohra f'dawn il-gzejjer nhar is-sitta (6) ta' Jannar, u fil-jiem u x-xhur ta' qabel:

2. Bl-imgieba tieghu kkaguna lill-istess, Anthea Tabone biza' li se tintuza vjolenza kontriha u dan bi ksur tal-Art. 251 (B) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' Anthea Tabone u l-familja taghha ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Fol. 14).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni u l-parte civile.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju f'dawn il-proceduri.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mid-difiza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-ufficjal prosekutur prezentat fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju 2020 (Fol. 218).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile Anthea Tabone prezentata fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru 2020.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Sylvester Grech prezentata fis-sittax (16) ta' Settembru 2020.

Ikkunsidrat:

- **Sintezi tal-Provi Migbura**

**Dr Ramon Scerri** (Fol. 32 et seq) xehed li fis-sebgha (7) ta' Jannar 2019 huwa kien ra lil Anthea Tabone fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Hija allegat li kienet qalghet daqqiet ta' ponn f'wiccha u infatti x-xhud sabilha tbengil u nefha mad-dawra tal-ghajn tan-naha tax-xellug. Ix-xhud spjega li l-griehi kien ikklassifikahom bhala hfief ghax ma kienx hemm kumplikazzjonijiet. Ix-xhud gie muri wkoll ritratti tal-griehi ta' Anthea Tabone u ikkonferma li dawk kienu l-griehi li huwa kien ikkonstata meta Tabone marret ic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

**Anthea Tabone** (Fol. 35 et seq) xehdet li fis-sitta (6) ta' Jannar 2019 hija kienet fil-fond numru 96, Triq San Luqa, iz-Zurrieq u kienet qeghda isajjar. Kienet hi u l-imputat peress li kellhom relazzjoni u kienu jghixu flimkien. F'hin minnhom Tabone qalet lill-imputat li l-gizirana taghha li kellha valur sentimentali ma setghetx issibha u bdiet twahhal fih li kien

hadha hu. Hija sostniet li imbaghad Sylvester beda jaghtiha bil-ponn. Il-glieda damet ghaddejja madwar tlett kwarti sakemm imbaghad hi bdiet tghajjat ghall-ghajjut.

Ix-xhud kompliet tispjega li f'hin minnhom hija ippruvat tiehu sikkina mill-kcina biex tbezza' lill-imputat biha izda imbaghad din hija telqitha minn idha ghal fuq il-mejda. F'hin minnhom waslu l-Pulizija u fethilhom l-imputat. Ix-xhud imbaghad marret biex jarawha l-Pulizija. Pero ma saqsewhiex fuq id-daqqiet. Qalulha biss li kienu qeghdin jaghmlu l-istorbju. Kompliet tghid li l-ghada marret il-klinika tal-Mosta u eventwalment ghamlet rapport fl-Ghassa taz-Zurrieq.

Ix-xhud spjegat li dan ma kienx l-ewwel incident ta' bejniethom. Kien hemm diversi drabi fejn hija giet mhedda. Hija ipprezentat numru ta' voice clips mimlijin theddid. Sostniet wkoll li darba minnhom l-imputat kien anke harqilha wiccha b'sigarett.

**In kontro-ezami** (Fol. 167 et seq) Tabone ikkonfermat li l-argument kien beda fuq gizirana u kienet qalet lill-imputat ghalfejn kien seraqilha. Hija kienet wahlet fih ghax xi jumejn qabel it-tnejn kellhom argument bejniethom u hi kienet semmietlu xi gizirana li kienu serqu lilu. Allura hija kienet hasbet li l-imputat kien ghamel l-istess biex ipatthieliha. Ix-xhud kompliet tghid li l-gizirana taghha eventwalment kienet instabet id-dar taghha.

Mistoqsiha talbitx ghall-ghajjut, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv. Hija qalet li ghamlet siegha taqla d-daqqiet u f'din is-siegha gew xi girien biex

jippruvaw iwaqqfu lill-imputat. Hi pero ma tafx min kienu. Ikkonfermat wkoll li gew erbgha (4) Pulizija. Hi ma felhitx tmur tiftah il-bieb u l-imputat beda jghidilha "Ara x'ghamilt!" Tabone sostniet li l-Pulizija setghu jaraw li kellha wicca diga mifqugh bid-daqqiet. Mistoqsija jekk il-Pulizija haduhiex maghhom, hi wiegbet li le. Kienet qaltilhom li kienet sew ghax kienet bezghet u apparti minn hekk kienet giet mhedda qabel mal-imputat fetah il-bieb. Hija qalet li l-Pulizija ma kinux kellmuha wehidha izda kellmuha fil-presenza tal-imputat. Ix-xhud giet mistoqsija ghalfejn ma telqitx mill-post. Hi wiegbet li l-imputat kien hareg barra quddiem il-bieb u bid-daqqiet li qalghet ma setghetx tqum bil-wieqfa. Lanqas ma setghet titlaq mid-dar wara ghaliex hi ma kelliex karozza u l-familja taghha lanqas ma kienu jafu li hi kienet f'relazzjoni mal-imputat u li kienet qeghda tirrisjedi ghandu.

Mistoqsiha wkoll dwar is-sikkina, Tabone wiegbet li hija qabdet is-sikkina waqt li l-imputat kien fid-dar u waqt li hija kienet qed taqla' d-daqqiet. Hija ghamlet dan fi sforz sabiex tipprotegi lilha inniffisha u biex l-imputat jieqaf mill-aggressjoni tieghu. Ghamlitha cara wkoll li l-imputat fl-ebda hin ma waqa'. Hija lanqas ma laqtitu bis-sikkina.

Fuq mistoqsija tal-Qorti dwar it-transcripts tat-telefonati prezentati minnha, jekk tikkonfermahomx u min ghamilhom dawk it-telefonati, l-imputata indikat lill-imputat Sylvester Grech. Spjegat li kien l-imputat zgur ghar-raguni li l-voice clip saret fuq il-Whatsapp li kienu jikkomunikaw biha. Indikat li n-numru tal-imputat li minnu intbaghtu dawn il-messaggi kien 77112202 u hija rceviethom fuq in-numru 77773687, liema numru huwa taghha.

**L-Ispettur Roderick Attard** (Fol. 44 et seq) xehed li fis-sitta (6) ta' Jannar 2019 dahal rapport fl-Ghassa taz-Zurrieq li gewwa l-fond Scargot, Triq San Luqa, Zurrieq, kien hemm argument. lI-Pulizija marru fuq il-post u kellmu lill-imputat Sylvester Grech. Kellmu wkoll lil Anthea Tabone li qaltilhom li kollox sew. Ix-xhud ma kienx prezenti dakinhar li marru l-Pulizija fuq il-post. Huwa kellem l-ewwel darba lil Anthea Tabone fit-tmienja (8) ta' Jannar 2020 fejn seta jinnota li kellha black eye. Hija qaltlu li kienu marru erba' Pulizija d-dar taghhom u kemm l-imputat kif wkoll hi kienu qalulhom li kien kollox sew. Mistoqsija ghalfejn kienet wiegbet hekk lill-Pulizija, hija qaltilhom li kienet qed tibza.

L-Ispettur minn hemm ghadda biex arresta lill-imputat u tah d-drittijiet tieghu. Ghall-ewwel l-imputat ma ried jghid xejn izda imbaghad spjega lill-Ispettur li dakinhar tas-sitta (6) ta' Jannar 2019 Anthea Tabone kienet qed isajjar u saqsietu jekk rax xi choker taghha. Hija kienet tidher panikuza. Huwa qalilha li ma kienx rah u hi qaltlu biex jivverifika jekk it-tifel tieghu kienx rah. Grech irrabbja u minn hemm Tabone gibdet sikkina u bdiet tfendi biha. Wara l-verzjoni ta' Grech, l-Ispettur ordna wkoll l-arrest ta' Tabone u hadilha wkoll l-istqarrija taghha. L-Ispettur irrimarka li waqt l-istqarrija taghha, Tabone dehret fi stat panikuz. Semmietlu wkoll episodju fejn Grech kien anke tfiela s-sigarett fuq wiccha.

**In kontro-ezami** (Fol 209 et seq) x-xhud ikkonferma li kienu anke ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-parte civile Anthea Tabone. Hija

kienet tressqet taht arrest u giet akkuzata li ikkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-imputat.

**<u>Dr Marisa Mifsud</u>** (Fol. 59) ipprezentat it-traskrizzjoni ta' numru ta' recordings li gew esebiti.

**<u>Anthony Tabone</u>** (Fol. 71 et seq) xehed li huwa jigi missier Anthea Tabone. Spjega li bintu kienet qed tiltaqa' ma' Sylvester bil-mohbi tieghu. Hu ma kienx jaqbel mar-relazzjoni li kellha bintu ma' Sylvester Grech ghaliex kellha l-problemi b'din ir-relazzjoni. Hu sostna li sahansitra ghamlet zmien twil ma tkellimx lill-qraba taghha meta kienet ghaddejja bir-relazzjoni. Il-kuntatt rega' biss gie stabbilit wara li hija giet imkeccija mid-dar fiz-Zurrieq fejn kienet qed toqghod mal-istess Sylvester Grech.

**<u>Michela Borg</u>** (Fol. 75 et seq) xehdet li hija kienet observer mal-kollega taghha li ghamlet ir-risk assessment fuq Anthea Tabone.

**<u>Naomi Darmanin</u>** (Fol. 77 et seq) xehdet li hija ghamlet ir-risk assessment fuq dak li qaltilha Anthea Tabone. Lill-imputat hija ma kellmitux.

**<u>PS 1434 Mario Mercieca</u>** (Fol. 110 et seq) xehed li huwa kien involut fit-tehid tal-istatement tal-imputat. Ix-xhud spjega li waqt li kien qieghed jittiehed l-istatement tal-imputat, Grech kien sostna li Tabone kienet harget sikkina ghalih u li meta mar biex jiddefendi ruhu, kien waqa' hu wkoll. Kompla jghid li wara l-istatement huwa gie mitlub biex imur fil-post fejn sehh l-allegat incident biex jiehu xi ritratti. Ix-xhud spjega li huwa ha r-ritratti tad-dustbin mifqugh li allegatament kienu waqghu

fuqu. Ix-xhud kompla jghid kif l-imputat kien sostna li wara l-incident Tabone kienet talbitu skuza u ghamlitlu t-te. Wiehed seta' jinnota wkoll li fid-dar kollox kien baqa' kif inhu. Ix-xhud temm jghid li l-imputat kien ikkoopera mal-Pulizija.

L-imputat **Sylvester Grech** (Fol. 181 et seq) xehed li fis-sitta (6) ta' Jannar 2019 mar gabar lill-parte civile mix-xoghol ghall-habta tal-ghaxra ta' bil-lejl. Waslu d-dar, hareg bil-kelba u x'hin dahal lura Tabone akkuzatu li kien serqilha l-gizirana. Qaltlu li jekk ma kienx seraqilha hu, kien hadilha ibnu. Hu cempel lil ibnu biex jivverifika jekk kienx ra l-gizirana. Izda hu wiegbu li le. Kompla jghid li huwa kien se jidhol fil-kamra tas-sodda u fil-pront hija gibdet il-kexxun u harget sikkina minnu. Bdiet tghidlu li jew se jaghtiha l-gizirana jew inkella kienu se jispiccaw hazin. Hu qabadha minn idha u hija telqet is-sikkina. L-argument kompla u f'hin minnhom spiccaw fuq xuxlin u hija dahlitlu zewgt idwiefer taht ghajnejh. Hu ipprova jiddefendi lilu inniffsu. Minn hemm huwa hareg 'l barra mid-dar fi sforz sabiex jikkalmaw l-affarijiet. Huwa dahal lura u ftit wara waslu l-Pulizija. Hi ma riditx tmur tifthilhom u ghalhekkk mar hu. It-tnejn ikkonfermaw mal-Pulizija li kien kollox sew. L-ghada filghodu qamet bhal li kieku ma kien gara xejn u skuzat ruhha mieghu. Qaltlu li dak li gara kien sforz tal-ansjeta li kienet tbati minnha. Huwa cahad li kien ghamel nofs siegha jaghtiha d-daqqiet. Qal li lanqas ma seta' jkun li gara hekk peress li huwa jbati b'qalbu u l-azma.

**In kontro-ezami**, l-imputat ikkonferma li waqt l-argument tal-gizirana, il-parte civile kienet semmietlu lil ibnu. Mistoqsi jekk kienx hu li meta semmietlu lil ibnu marx b'mod aggressiv fid-direzzjoni taghha, l-imputat

cahad. Sostna li kienet hi li harget is-sikkina, ippruvat tattakkah u imbaghad hu iddefenda lilu inniffsu. Mistoqsi wkoll kif iddefenda lilu inniffsu Sylvester qal li huwa pprova jehdilha s-sikkina u qabadha mill-polz taghha. Mitlub jispecifika jekk huwa kienx aggressiv b'xi manjiera ohra fil-konfront tal-parte civile u jekk zammx il-kalma, l-imputat sostna li kull ma ghamel kien li iddefenda lilu inniffsu.

Rigward l-Smses ipprezentati minn Tabone, l-imputat wiegeb li kien ilu ma jkellimha minn meta sehh l-incident u ghalhekk l-Smses setghu kienu ta' qabel. Huwa sostna li ma jiftakarx id-diskors li Tabone attribwiet lilu, ghalkemm seta' kien li tali diskors sar f'hin ta' rabja.

Mistoqsi dwar ir-relazzjoni ta' bejniethom qabel ma sehh l-incident, ix-xhud wiegeb li daqqa kienu jkunu sew u daqqa le. Mistoqsi mill-Qorti dwar il-feriti f'wicc Anthea Tabone, hu sostna li ma kienx raha b'dik l-ghajn, lanqas x'hin wassalha l-ghada tal-incident. Mitlub jispjega kif setghu gew kagunati, l-imputat sostna li huwa kien iddefenda lilu inniffsu.

**<u>Diane Mazzonello</u>** (*fol* 212 et. seq.) ipprezentat kopja tal-file mediku tal-imputat biex jigi konfermat li l-imputat ibati mill-azma u allura ma setax jithabat hafna.

- **<u>Fattispecie tal-Kaz</u>**

Minn ezami tax-xhieda prezentata l-fatti tal-kaz jirrizultaw li kienu s-segwenti:

Fis-sitta (6) ta' Jannar 2019 wara li l-parte civile Anthea Tabone irritornat lura d-dar flimkien mas-sieheb taghha l-imputat Sylvester Grech, zviluppa argument ghaliex Tabone ma setghetx issib gizirana li kellha. Hi wahlet fl-imputat li kien hadilha hu u kompliet tghid li jekk ma kienx l-imputat allura hadilha ibnu. Minn hemm imbaghad ipprecipita l-incident. Min-naha taghha l-parte civile isostni li l-imputat qabad jaghtiha d-daqqiet u f'hin minnhom hija qabdet sikkina biex tiddefendi lilha inniffisha, liema sikkina pero imbaghad hija tefghetha fuq il-mejda u l-glieda ta' bejniethom kompliet. Min-naha tieghu l-imputat isostni li l-parte civile qabdet sikkina u bdiet ixxejjirha fil-konfront tieghu u huwa irreagixxa ghal din l-aggressjoni biex jiddefendi lilu inniffsu.

Il-parte civile sostniet wkoll li dan ma kienx l-ewwel incident ta' bejniethom. Kien hemm diversi incident qabel dan u anke ipprezentat numru ta' recordings allegatament tal-imputat mimlija theddid u kliem hazin fil-konfront taghha u tal-membri tal-familja taghha.

- **<u>Il-Livell tal-Prova Rikjest</u>**

Kuntrarjament ghall-kamp civili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wiehed pjuttost oneruz fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew

imputati huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted*

*fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-fatti li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'ghandux a priori jeskludi sejbien ta' htija ghall-akkuzi li jkunu gew dedotti. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t' Ottubru 2006)."*[1]

Maghmulin dawn l-esposizzjonijiet generali li huma ta' rilevanza ghal kull kaz, izda b'mod partikolari ghall-kaz odjern, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa r-reati li bihom qieghed jigi akkuzat l-imputat u jekk tali akkuzi irrizultawx ippruvati.

## KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET

- **<u>L-Ewwel Imputazzjoni – Il-Feriti ta' Natura Ħafifa fuq il-Persuna ta' Anthea Tabone</u>**

[1] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

Mill-provi huwa car li Anthea Tabone soffriet feriti ta' natura hafifa f'wiccha konsistenti fi tbengil u nefha mad-dawra tal-ghajn tax-xellug. Dan gie konfermat mit-Tabib Ramon Scerri li ezamina lill-parte civile l-ghada li sehh l-incident.[2] It-Tabib ikkonferma wkoll li l-griehi tal-parte civile kienu dawk li jidhru fir-ritratti li gew esebiti fil-mori ta' dawn il-proceduri.[3]

Kemm l-imputat kif wkoll il-parte civile jaqblu li kien hemm glieda bejniethom u huma t-tnejn biss kienu involuti f'din il-kollutazzjoni ta' bejniethom. Bil-fors ghalhekk li l-feriti sofferti mill-parte civile ghandhom jitqiesu li huma attribwibbli ghall-imputat u hadd aktar.

Minkejja li l-imputat jaghti hafna dettalji dwar kif zviluppa l-argument bejniethom, meta imbaghad jigi mistoqsi kif jispjega li Tabone spiccat b'dawn il-feriti fuq wiccha, huwa jwiegeb biss li ma kien innota xejn f'wiccha. Dan meta kif jammetti hu stess l-ghada tal-incident, l-imputat inniffsu kien wassal lill-parte civile d-dar tal-qraba taghha.[4] F'nifs iehor pero huwa jghid li agixxa biex jiddefendi lilu inniffsu mill-aggressjoni taghha u ma jaghtix x'jifhem li huwa baqa' kalm tul l-incident.[5] Huwa inverosimili ghalhekk li ma kienx sehh kuntratt fiziku bejn l-imputat u l-parte civile!! Dan iqajjem dubji dwar kemm l-imputat jista' jitqies li huwa kredibbli.

---

[2] Fol. 32 -33 tal-process.
[3] Ara ritratti a fol. 27 sa 31 tal-process.
[4] Fol. 187 tal-process.
[5] Fol. 186 tal-process.

Punt iehor li ghandu jigi sottolineat huwa li l-imputat fl-istqarrija tieghu ma jaghmilx riferenza ghall-fatt li huwa kienet intlaqat mis-sikkina li hareg il-parte civile mill-kexxun. Anzi meta gie mistoqsi dwar griehi li kellu f'wiccu indika li dawk kienu gew kagunati mid-difrejn tal-parte civile.[6] Fid-deposizzjoni tieghu imbaghad jghid li huwa safa milqut bis-sikkina.[7] Wiehed ghalhekk jistaqsi kif dan il-punt – li ma jistax jitqies bhala xi wiehed superfluwu jew dettal irrilevanti – assolutament ma issemmiex a tempo vergine meta l-imputat kien qieghed jaghti l-istqarrija tieghu!!. Dan aktar jkompli jdghajjef l-livell tal-kredibbilita tax-xhieda tal-imputat u jirrendi l-verzjoni tieghu mhux daqstant kredibbli.

Min-naha l-ohra din il-Qorti ghandha l-verzjoni tal-parte civile, liema verzjoni baqghet wahda konstanti u dan sia meta hija tat l-istqarrija taghha lill-Ispettur kif wkoll meta hija tat ix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti ghal darba darbtejn. Il-parte civile dejjem sostniet li l-imputat beda jaghtiha ghaliex hi akkuzatu li kien hadilha l-gizirana. Waqt li kienet ghaddejja din l-aggressjoni min-naha tal-imputat hi imbaghad qabdet is-sikkina fi sforz sabiex tbezzghu biha.[8] Din il-verzjoni baqghet l-istess anke meta tat ix-xhieda taghha fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar 2019[9] u anke meta sarilha l-kontro-ezami fis-seduta tal-hdax (11) ta' Ottubru 2019.[10] Din il-Qorti ma irriskontrat l-ebda diskrepanza fix-xhieda tal-parte civile dwar il-modalita dwar kif sehh l-incident. Apparti minn hekk din il-Qorti kellha l-opportunita li tezamina l-komportament

[6] Fol. 10 tal-process.
[7] Fol. 182 tal-process.
[8] Ara stqarrija a fol. 53-54 tal-process.
[9] Fol. 39 tal-process.
[10] Fol. 172 tal-process.

tal-parte civile fuq il-pedana tax-xhieda u hija konvinta mill-veracita ta' dak li kienet qed tghid il-parte civile. Il-parte civile dejjem qalet l-affarijiet kif kienu inkluz wkoll li hija ghamlet uzu minn sikkina u fl-liema cirkostanzi precizi hija ghamlet uzu minnha. Dan sa mill-ewwel verzjoni li hija tat lill-Pulizija meta kienu qeghdin iwettqu l-investigazzjonijiet taghhom b'rabta ma' dan l-incident.

Dan kollu ma jhalli l-ebda dubju f'din il-Qorti li l-imputat kien wara l-feriti hfief li soffriet il-parte civile.

Jibqa' ghalhekk li jigi kunsidrat jekk fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ir-responsabbilita kriminali tal-imputat ghandhiex tigi eskluza abbazi tal-legittima difiza. Il-Qorti mhux se toqghod tidhol fl-esposizzjoni legali ta' dan il-kuncett. Kemm il-parte civile kif wkoll id-difiza fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom taw spjegazzjoni cara ta' dan il-kuncett legali u din il-Qorti qeghda taghmel taghha tali esposizzjoni legali.

Sabiex wiehed jitkellem minn legittima difesa, wiehed irid isib ruhu f'cirkostanza ta' p**<u>erikolu attwali li jkun wiehed kontra l-ligi, gravi u inevitabbli</u>**. Ghalkemm l-imputat jipprova jaghti l-impressjoni li huwa safa aggredit b'sikkina u kien dan li ipprecipita l-incident, jidher li l-affarijiet mhux hekk graw. Din il-Qorti gia rrimarkat kif hija attribwiet kredibbilita lill-verzjoni moghtija mill-parte civile dwar kif verament zviluppa l-incident. Il-parte civile qabdet is-sikkina biex tiddefendi lilha inniffisha minn aggressjoni li kienet ghaddejja fil-konfront taghha fi sforz sabiex hija ma tkomplix taqla' daqqiet. L-aggressur li ipprecipita l-incident ghalhekk kien l-istess imputat u mhux il-parte civile u allura dan

jeskludi kompletament l-applikabbilita tal-legittima difesa; kif wiehed jista' jitkellem minn perikolu inevitabbli jekk huwa jitfa lilu inniffsu f'dik is-sitwazzjoni minhabba l-agir aggressive tieghu! Se mai hija l-parte civile li kienet qed tagixxi biex tiddefendi lilha inniffisha ghax kienet hij li b'forza ippruvat tilaq l-aggressivita tal-imputat li kienet diretta lejha.

Il-Qorti ghalhekk sejra issib htija fl-imputat ghar-rigward din l-ewwel imputazzjoni.

- **<u>It-Tieni Imputazzjoni – Ir-Reat Taht l-Artikolu 251B</u>**

L-artikolu 251B li jiffigura f'din l-imputazzjoni johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tiegħu jikkaġuna li ħaddieħor jibza' li ser tintuża vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tiegħu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet.

Ta' min jghid li f'dan l-artikolu jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. It-test li jrid jigi applikat hu wiehed oggettiv tar-reasonable man.[11]

---

[11] Ara Qorti tal-Appell Kriminali: Imħallef Dr Joe Galea Debono B.A.LL.D (Il-Pulizija versus Raymond Parnis 18 ta' Ġunju 2009 u Qorti tal-Appell Kriminali 'Il-Pulizija versus Massimo Tivisini 27 ta' Frar 2009).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija versus Brian Micallef** tal-14 ta' Ottubru 2011, il-Qorti kienet irrimarkat hekk b'riferenza ghal dak imqajjem mill-appellant li r-reat kontemplat taht l-artikolu 251B ma setax jirrizulta ghax il-kaz kien wiehed ta' darba:

*"Ser issa jigi kunsidrat it-tieni aggravju tal-appellant b'riferenza ghar-reat kontemplat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali. F'dan ir-rigward l-appellant isostni li dak li gie ppruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkazzjoni unika u ghalhekk l-imgieba tieghu ma setgħet qatt twassal għal sejbien ta' ħtija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi peress li skont l-appellant "l-imgieba li tissemma fis-subartikolu (1) tieghu timplika ta' l-anqas żewġ okkazzjonijiet. In sostenn tat-tezi tieghu l-appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Parnis. F'dik is-sentenza gie rilevat li r-reat de quo gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions". Ma' dan taqbel din il-Qorti kif preseduta. Fejn ma taqbilx din il-Qorti ma' dik is-sentenza huwa fejn jinghad li il-frazi "on at least two occasions" thallew barra mid-definizzjoni tar-reat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali "Ghal xi raguni ... kompletament illogika". Dak li hu verament illogiku ma hux l-ommissjoni tal-element imsemmi --- ghaliex l-ommissjoni ta' dak l-element hu logikament indikazzjoni cara li l-legislatur ried jimmira li deliberatament jeskludih mid-definizzjoni tar-reat --- izda l-fatt li fid-definizzjoni tar-reat thallew il-kliem "on each of those occasions"*

*minkejja l-omissjoni tal-frazi "on at least two occasions". B'danakollu, la darba thallew bhala parti mid-definizzjoni tar-reat il-kliem "on each of those occasions", li ghal min jaqrah jimplikaw li l-imgieba li ghaliha hemm riferenza fid-definizzjoni tar-reat tikkonsisti f'aktar minn okkazzjoni wahda, din il-Qorti, partikolarment trattandosi ta' interpretazzjoni ta' dispozizzjoni penali, trid necessarjament tagħti effett lit-tifsira naturali ta' dawk il-kliem, specjalment in vista tal-inerzia tal-legislatur biex jikkjarifika l-volonta' tiegħu wara s-sentenza msemmija ta' din il-Qorti diversament preseduta.*

*Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, taqbel li l-imgieba li ghaliha jaghmel riferenza l-artikollu 251B(1) ghandha tikkonsisti f'mhux anqas minn żewġ okkażjonijiet. Billi, kif sewwa irrileva l-appellant, dak li gie pruvat fil-konfront tieghu sehh f'okkażjoni waħda din il-Qorti sejra għalhekk tilqa' it-tieni aggravju tal-appellant u sejra tilliberah ukoll minn din l-imputazzjoni.'* [12]

L-artikolu 251B jinsab fis-subtitolu IX taħt it-Titolu 'Theddid, Vjolenza Privata u Harassment'. Analiżi tal-artikolu 251B turi li jrid ikun hemm dawn l-elementi: (a) a course of conduct – 'l-imġiba tagħha' fit-test Malti; (b) iġġiegħel lil ħadd ieħor jaħseb li ser tintuża l-vjolenza kontrih jew il-propjeta' tiegħu jew il-persuna jew il-propjeta' ta' axxendenti, dixxendenti, aħwa subien u bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1); (ċ) it-test tar-reasonable man għal dik li hija intenzjoni."

[12] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Dorianne Caruana deciza fl-20 ta' Settembru 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Kaz Numru 506/2011).

Minn ezami tal-provi prezentati, huwa car li l-Prosekuzzjoni u l-parte civile qeghdin jibnu l-kaz taghhom fuq l-incident tas-sitta (6) ta' Jannar 2019 kif wkoll fuq ir-recordings li gew esebiti minn Anthea Tabone waqt id-deposizzjoni taghha u liema recordings hija attribwiet lill-imputat u li allegatament saru fix-xhur ta' qabel.

Din il-Qorti pero hija propensa li taqbel mal-argumenti tad-difiza hekk kif esposti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha fis-sens li l-Prosekuzzjoni ma issodisfatx l-livell ta' prova rikjest sabiex tkun tista' tinstab htija ghal din l-imputazzjoni. Dan ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Ghalkemm il-parte civile indikat in-numru tat-telefon cellulari taghha u dak tal-imputat minn fejn allegatament intbaghtu dawn il-messaggi, ma tressqet l-ebda prova biex jigi konfermat li n-numri tat-telefon kienu effettivament jghajtu liz-zewg persuni u li kien hemm skambju ta' messaggi bejniethom. Din il-prova setghet facilment issir li kieku gew ingunti r-rapprezentanti tal-kumpaniji li jipprovdu s-servizzi ta' telefons cellulari;

(b) Jidher li r-recordings gew estrapolati minn mobile u infatti l-parte civile ipprezentat pen drives. Il-mobile propju minn fejn gew estrapolati tali recordings ma giex prezentat. Mill-atti ma jirrizultax kif saret din l-estrapolazzjoni tar-recordings u minn min saret. Lanqas ma saret verifika jew prova jekk l-estrapolazzjoni ta' dawn ir-recordings kinitx wahda fidila ghal dak li kien hemm fil-mobiles jew inkella jekk tali recordings kinux gew b'xi mod editjati.

(c) Ma ingabet l-ebda prova li l-vuci tar-recordings kienet effettivament l-vuci tal-imputat. Il-vuci tal-persuna fir-recordings ma gietx identifikata. Kif tajjeb irriteniet id-difiza, il-Prosekuzzjoni u l-parte civile kien messhom talbu ghall-hatra ta' espert sabiex jqabbel il-karatteristici tal-vuci tal-imputat ma' dawk li jirrizultaw mir-recordings. Fil-kaz in dizamina dan kien fundamentali li jsir anke, ghaliex jekk kien qed jintuza Whastapp ghall-konversazzjoni, il-messaggi jkunu encrypted u ghalhekk possibilment ikun hemm diffikulta biex dawn jigu abbinati ma' numru partikolari;

(d) Lanqas ma irrizultat d-data u l-hin ta' meta allegatament saru dawn il-konversazzjonijiet;

Fl-atti hemm riferenza wkoll li kien hemm okkazzjoni fejn l-imputat allegatament haraq lill-parte civile b'sigarett. Pero ghal darba ohra, tali fatt ma jistax jitqies li gie pruvat sodisfacentement mill-Prosekuzzjoni u l-parte civile biex ikun jista' jitqies li jissodisfa l-element tal-*course of conduct* kontemplat f'din l-imputazzjoni.

Fic-cirkostanzi ghalhekk ma jistax jinghad li l-Prosekuzzjoni ipprezentat l-ahjar prova sabiex tissostanzja din it-tieni imputazzjoni. Il-grad tal-prova rikjest ghal sejbien ta' htija ma intlahaqx u allura din il-Qorti sejjer ikollha bil-fors tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Riċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[13] daħlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:

> Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :
> (a) Retributtiv;
> (b)Preventiv; u
> (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena
>
> L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi s-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta' bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta' teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.
>
> L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għall-biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta', b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħla tixtarr sew il-konsegwenzi t'għemilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

[13]Appell numru 96/2019 deċiż Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

L-**aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta' tiġi kemm jista' jkun imrażżna milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv speċjali** huwa dak li japplika għall-ħati nnifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta' titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorożita' dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta' milli jiddesistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-membri fi ħdan soċjeta' li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**aspett riedukattiv u rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv

huwa kruċjali għas-soċjeta' in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu nnifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wassluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta' bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **effetti riedukattivi u korrezzjonali** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta', billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

Illi in linea ġenerali jibda biex jingħad li:

*l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati**. Skop iehor tal-piena huwa***

***dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali.[14]*** *Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[15]*

Illi ċ-ċirkostanzi ta' kull każ huma partikolari għal dak il-każ u normalment ivarjaw radikalment miċ-ċirkostanzi ta' kull każ ieħor. Huwa impossibbli għal-leġislatur li jipprevedi dawn iċ-ċirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (għal kull reat) piena speċifika għal kull sensiela ta' ċirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju għalhekk illi għal kull reat il-Liġi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni tagħha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ, tipprova ssib dak il-bilanċ ġust bejn id-diversi skopijiet li għandhom jintlaħqu.

Il-Qorti taghmilha cara li relazzjonijiet jibdew u jispiccaw. Ideali li dawn ikunu mibnija fuq is-sod u mhux fuq ir-ramel. Qatt m'hu permess li argumenti bejn persuni li jkunu jinsabu f'relazzjoni jispiccaw b'wahda mill-partijiet issofri griehi. Il-Qrati ma jistghux jibqghu cassi ghal dawn l-abbuzi u ghandhom joffru protezzjoni lill-vittmi u jintbaghat sinjal car li

[14] Enfazi ta' din il-Qorti
[15] Ref Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deċiż 28.11.2006.

atti bhal dawn f'socjeta' mibnija fuq is-saltna tad-dritt m'humiex accettabbli.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk qieghda tilliberah mill-imsemmija imputazzjoni u wara li rat l-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u qieghda tikkundannah **għall-piena ta' tmien xhur priġunerija.**

Il-Qorti qieghda tordna wkoll li tinhareg Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 C (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-parte civile Anthea Tabone ghall-perijodu ta' hames snin u dan taht il-kondizzjonijiet imsemmija fl-anness digriet.

______________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur